



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.3.2015
COM(2015) 98 final

2015/0051 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-linji gwida tal-politika tal-Istati Membri għall-impjegi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE jistipula li l-Istati Membri għandhom iqisu l-politiki ekonomiċi tagħhom u l-promozzjoni tal-impjiegi bħala kwistjonijiet ta' interess komuni u għandhom jikkoordinawhom l-azzjoni tagħhom fi ħdan il-Kunsill. F'żewġ artikoli distinti, dan jistipula li l-Kunsill għandu jadotta linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika (l-Artikolu 121) u linji gwida għall-impjiegi (l-Artikolu 148), filwaqt li jagħmilha ċara li dawn il-linji gwida tal-aħħar iridu jkunu konsistenti mal-linji gwida ta' qabel. B'din il-bażi ġuridika, il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi u ekonomiċi qed jiġu ppreżentati bħala żewġ strumenti legali separati daqs kemm intrinsikament interrelatati:

- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni – Parti I tal-Linji Gwida Integrati;
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi – Parti II tal-Linji Gwida Integrati.

Il-linji gwida ġew adottati għall-ewwel darba fl-2010 bħala "Pakkett Integrat" li fuqu ssejset l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-2010 ġie deċiż ukoll li l-biċċa l-kbira tal-linji gwida integrati għandhom jibqgħu stabbli sal-2014. Filwaqt li linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika jibqgħu jgħoddu għal kull żmien, il-linji gwida għall-impjiegi jeħtiġilhom jiffasslu kull sena.

Minbarra li jixhdu l-ambitu u d-direzzjoni għal koordinazzjoni tal-politika tal-Istati Membri, il-linji gwida jipprovdu wkoll il-bażi għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż fl-oqsma rispettivi.

Il-ġabra ta' "linji gwida integrati" li hemm bħalissa jirfdu l-istrateġija Ewropa 2020 fil-kuntest tal-metodu l-ġdid biex titfassal politika ekonomika mibnija fuq l-investment, ir-riforma strutturali u r-responsabbiltà fiskali kif jistabbilixxi l-Istħarriġ Annwali 2015 tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir. Fl-istess waqt, il-linji gwida integrati għandhom jgħinu biex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u biex jintlaħqu l-miri tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

Il-"Linji Gwida Integrati" huma:

Linja gwida 1: Inkattru l-investment

Linja gwida 2: Inżidu t-tkabbir bit-twettiq tar-riformi strutturali

Linja gwida 3: Inxejnu l-ostakli ewlenin għat-tkabbir u l-impjiegi fil-livell tal-UE

Linja gwida 4: Intejbu s-sostenibbiltà u x-xejra favorevoli għat-tkabbir tal-finanzi pubbliċi

Linja gwida 5: Inżidu d-domanda għax-xogħol

Linja gwida 6: Insaħħu l-provvista tax-xogħol u l-ħiliet

Linja gwida 7: Intejbu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol

Linja gwida 8: Niżguraw l-imparzjalità, nitħabtu kontra l-faqar u nippromwovu l-opportunitajiet

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-linji gwida tal-politika tal-Istati Membri għall-impjiegi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 148(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni³,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi,

Billi:

- (1) L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jaħdmu sabiex tinholq strateġija koordinata għall-impjiegi b'mod partikolari biex issir promozzjoni għal forza tax-xogħol kwalifikata, imħarrġa u flessibbli u suq tax-xogħol li jadatta għat-tibdil ekonomiku, u sabiex jintlaħqu l-għanijiet kollha tal-impjiegi u l-progress soċjali li jistabbilixxi l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Wara li jkunu kkunsidraw il-prattiċi nazzjonali relatati mar-responsabbiltajiet tal-ġestjoni u x-xogħol, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-promozzjoni tal-impjiegi bħala kwistjoni ta' interess komuni u għandhom jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom f'dan ir-rigward fi ħdan il-Kunsill.
- (2) L-Unjoni trid titħabat kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, tiżgura aċċess ugwali għad-drittijiet fundamentali u sseddaq il-ġustizzja u l-ħarsien soċjali. Waqt li tkun qed tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti marbuta mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, it-taħbit kontra l-esklużjoni soċjali u livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ.
- (3) Il-linji gwida għall-impjiegi huma konsistenti mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi.
- (4) L-Istati Membri għandhom iqisu l-politiki ekonomiċi tagħhom bħala kwistjoni ta' interess komuni u jikkoordinawhom fi ħdan il-Kunsill. Il-linji gwida għall-impjiegi u l-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika għandu jadottahom il-Kunsill biex jiggwida l-politiki tal-Istati Membri.
- (5) Skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, l-Unjoni Ewropea żviluppat u implimentat strumenti ta' koordinazzjoni tal-politika għall-politika fiskali u politiki makrostrutturali. Is-Semestru Ewropew jiġbor flimkien strumenti differenti f'qafas

¹ ĠU C , , p.

² ĠU C , , p.

³ ĠU C , , p.

ġenerali għal sorveljanza ekonomika u baġitarja multilaterali integrata. Permezz ta' simplifikazzjoni u tisħiħ tas-Semestru Ewropew kif jistipula l-Istħarriġ Annwali 2015 tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir, se jkompli jitjieb l-operat tiegħu.

- (6) Il-kriżi finanzjarja u ekonomika wriet u enfasizzat dgħjufijiet importanti fl-ekonomija tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Il-kriżi ħarġet fid-dieher ukoll l-interdipendenza mill-qrib tal-ekonomiji tal-Istati Membri u s-swieq tal-impjiegi. Issa fi żmienna għandna l-isfida l-kbira li l-Unjoni toħloq tkabbir u impjiegi sodi, sostenibbli u inklużivi. Għal dan il-għan hemm bżonn azzjoni politika kkoordinata u ambizzjuża, kemm fil-livell tal-UE u kif ukoll fil-livell nazzjonali, li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-governanza ekonomika tal-Unjoni. Billi jwaħħdu miżuri min-naħa tal-provvista u min-naħa tad-domanda, dawn l-azzjonijiet għandhom jagħtu spinta lill-investment, iġeddu l-impenn għal riformi strutturali u jħaddmu r-responsabbiltà fiskali.
- (7) L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jindirizzaw ukoll l-impatt soċjali tal-kriżi u jimmiraw li jsawru soċjetà ta' koeżjoni fejn iċ-ċittadini jkollhom is-setgħa li jantiċipaw u jamministraw il-bidla, u li jkunu jistgħu jieħdu sehem b'mod attiv fis-soċjetà u l-ekonomija. Irid ikun żgurat aċċess u opportunitajiet għal kulħadd filwaqt li jonqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-aktar billi jkun żgurat funzjonament effettiv tas-swieq tax-xogħol u s-sistemi tas-sigurtà soċjali u jitneħħew l-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-ġid tat-tkabbir ekonomiku jitqassam fost iċ-ċittadini kollha u r-reġjuni kollha.
- (8) Azzjoni konformi mal-linji gwida tkun kontribut importanti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020. Il-linji gwida huma ġabra integrata ta' politiki Ewropej u nazzjonali li l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jimplementaw ħalli r-riformi strutturali kkoordinati jħallu effetti kollaterali pożittivi, issir taħlita tajba tal-politiki ekonomiċi ġenerali, u biex il-politiki Ewropej jagħtu kontribut aktar konsistenti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020.
- (9) Għalkemm dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-Istati Membri u lill-Unjoni, dawn għandhom jitwettqu bi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, biex jitqarrbu l-parlamenti, u kif ukoll mas-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.
- (10) Il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi jiggwidaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-riformi, u jixhdu l-interdipendenza. Dawn huma konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Dawn il-linji gwida għandhom isawru l-bażi għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li l-Kunsill jaf jagħti lill-Istati Membri,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan qed jiġu adottati l-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi, kif jistabbilixxi l-Anness. Dawn il-linji gwida għandhom jiffurmaw parti mill-"Linji Gwida Integrati".

Artikolu 2

Fil-politiki dwar l-impjiegi u fil-programmi tar-riformi tal-Istati Membri għandhom jitqiesu l-linji gwida li hemm fl-Anness, u għandhom jiġu rrapportati f'konformità mal-Artikolu 148(3) tat-Trattat.

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*